Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-11 ta' Novembru 2024**

**Kump. Nru. 121/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit**
**Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Versus**

**Jani Cela**
**(238450A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Jani Cela**, detentur tal-karta tal-identita' 238450.

1. Akkuzat talli nhar is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha w ghoxrin (2024) u fil-granet ta' qabel gewwa l-Hamrun u/jew f'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer, zamm f'xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja taht Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli nhar is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha w ghoxrin (2024) u fil-granet ta' qabel gewwa l-Hamrun u/jew f'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer akkwista, kellu fil-pussess tieghu jew zamm arma jew munizzjon imsemmija fl-Iskeda I, liema pussess huwa projbit ai termini tal-Artikolu 3(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fid-29 ta' Jannar 2024 gewwa l-istabbiliment 'JKR Garage' gewwa Triq Birzebbuga, Gudja ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel

qliegh bi hsara ghad-dannu ta' Joseph Barbara u/jew Hysni Muca u /jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra.

4. Talli fid-29 ta' Jannar 2024 gewwa l-istabbiliment 'JKR Garage' gewwa Triq Birzebbuga, Gudja ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fl-iskrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

5. Talli nhar is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha w ghoxrin (2024) ghal habta ta' 21:45hrs u fil-granet ta' qabel gewwa l-Hamrun u/jew f'diversi inhawi f'dawn il-Gzejjer kien qed isuq vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni LQZ 235 tal-ghamla Peugeot 107 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita' ta' Transport ta' Malta.

6. Talli nhar is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha w ghoxrin (2024) ghal habta ta' 21:45hrs u fil-granet ta' qabel gewwa l-Hamrun u/jew f'diversi inhawi f'dawn il-Gzejjer kien qed isuq vettura bil-mutur bin-numru ta' registrazzjoni LQZ 235 tal-ghamla Peugeot 107 minghajr ma kien kopert b'polza dwar ir-riskji ghat-terzi persuni.

7. Talli nhar is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha w ghoxrin (2024) ghal habta ta' 21:45hrs u fil-granet ta' qabel gewwa Triq il-Kbira, San Guzepp, Hamrun ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PC 397 Ramona Magro u PC 239 Noa Bijam Bongailas, li huma ufficjali tal-Pulizija nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm -il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra.

8. Talli nhar is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u erbgha w ghoxrin (2024) ghal habta ta' 21:45 hrs gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, il-Hamrun saq vettura bil-mutur tal-ghamla Hyundai bin-numru tar-registrazzjoni LQZ 235 tal-ghamla Peugeot 107 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jigu applikati l-provedimenti tal-Artikolu 15H (et sequitur) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

__Decide__

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 31, 183, 184 u 338(ee) tal-Kapitolu 9, Artikolu 3(a) u 5(1) u 51(1)(a)(2) tal-Kapitolu 480, Artikolu 15(1)(a)tal-Kapitolu 65, kif ukoll Artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil **imputat Jani Cela hati ta' l-akkuzi kollha**

**migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija effettiva.**

Inoltre il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed tordna illi l-hati Jani Cela jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien sena (1) millum.**

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**